FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn8 ta' Lulju, 2002

**Avviz Nru:470/02 PM**

**Marmista Ltd.**

**Vs**

**Simon Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li bih s-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mitejn u sitta u erbghin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu, Lm246.48, rapprezentanti bilanc wara bejgh u materjal relatat ordnat mill-konvenut lilu kkonsenjat u mhux imhallas;

Ra r-risposta fejn il-konvenut eccepixxa li l-ammont mhux dovut billi, "il-bejgh kondizzjonat ghal fatt li s-socjeta' attrici kellha tissuplixxi kwantita' akbar minn dik li fill-fatt ikkonsenjat…. u fill-mument li l-

konvenut talab lis-socjetta' attrici tikkonsenjalu dik l-kwanita' l-ohra l-istess ta' irham…..is-socjeta' informatu li ma kienx fadallu minn dak it-tip ta' irham u li ma kienetx sejra tiffornixxih aktar;

Ra l-kontro-talba tal-konvenut fejn talab il-hlas ta' tmien mija u disghin Lira Maltin, Lm890;

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn gie ddikjarat li ma kien hemm l-ebda ftehim li bih is-socjeta' attrici ntrabtet li tissuplixxi l-konvenut b' xi materjal fill-futur;

Ra d-dokumenti ezebiti;

Sema x-xhieda;

Ikkunsidra li skond l-invoice ezebit a fol. 10 tal-process il-konvenut xtara kwanita' ta' irham u inharget l-invoice; wara xi zmien il-konvenut ried iktar irham. Ix-xhud qallu li kif ikollu iktar irham kien se jcempel lill-konvenut; Joe Azzopardi zied jghid li talab lill-konvenut biex ihallas l-invoice izda l-konvenut naqas li jhallas;

Il-konvenut  xehed li hu kien informa lis-socjeta' attrici li hu kellu jixtri l-irham ghal kazin. Il-konvenut qal, "Jien fhimt li s-socjeta' attrici kienet lesta tissuplixxi l-irham kollu li kelli bzonn jiena. Jiena meta xtrajtu kont that l-impressjoni li s-socjeta' attrici kienet se tkompli timporta."

Illi kien il-konvenut li kellu jipprova li kellu xi ftehim mas-socjeta' attrici kif allegat minnu. Il-konvenut naqas li jipprova l-ezistenza ta' tali fehim. Il-konvenut jghid li hallas tlett mitt Mira Maltin, Lm300, lis-socjeta' attrici u jikkonferma li ffirma l-invoice. F' dawn ic-cirkostanzi r-risposta u l-kontro-talba ghandhom jiegu michuda;

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad ir-risposta u l-kontro-talba tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici kif dedott fl-ammont ta' mitejn sitta u erbghin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu, Lm 246.48, bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**
**Gudikatur**